

# Is-Servizzi Soċjali fis-Siġġiewi

## *Meta u Kif Bdew*

Kitba ta' Carmel Vella



## L-Għassa tal-Pulizija

Sa tmiem is-seklu tmintax, meta telqu l-Kavallieri minn Malta, ma kien jeżisti l-ebda servizz organizzat biex iħares u jkun ta' wens għall-poplu ta' pajjiżna – kien hemm biss xi ftit sbirri li kienu jinħatru mill-Ħakem jew mill-Kavallieri, imma dawn ftit li xejn kienu ta' wens għall-missirijietna.

Meta l-Ingliżi ħadu f'idejhom l-amministrazzjoni ta' dawn il-Gżejjer, il-Gvernatur Sir Thomas Maitland, permezz tal-Ordinanza XXII ta' Lulju 1814, waqqaf l-ewwel Korp tal-Pulizija gewwa Malta. Imma ġara, li sa nofs l-istess seklu, dan il-Korp ma tantx biddel għall-aħjar is-sitwazzjoni ta' sigurtà fil-pajjiż. Kien fis-sena 1849 li ġie organizzat kif imiss il-Korp taħt it-tmexxija tas-Sindku ewlieni li, allura, kien maħtur l-Uffiċjal Prinċipali tal-Pulizija Kien dak iż-żmien meta nfetħu 40 għassa fl-irħula ta' Malta u Għawdex[1]. Is-Siġġiewi issa kellu l-għassa tiegħu f'Nru 67 Misraħ San Nikola, fejn tpoġġew 4 kuntestabbli u surġent. Illum flok dik l-għassa hemm *Dar Omna Marija* u l-għassa preżenti tinsab f'parti mill-bini tal-Kunsill Lokali fl-istess pjazza.

Il-pulizija nisslu serħan ir-ras fost in-nies tal-post għax issa kellhom min iħarishom f'każ ta' fastidju, serq u atti oħra kriminali. Ukoll il-bdiewa, fil-pulizija sabu mezz ta' ħarsien għax is-serq mir-raba' kien bla rażan.

## It-Tagħlim Pubbliku – L-Ewwel Skola

Fl-istess żmien li twaqqfu l-Għases tal-Pulizija, Malta u Għawdex raw il-ftuħ tal-ewwel skejjel primarji. Dak iż-żmien Malta kienet għaddejja minn perijodu ta' taqlib kbir fil-qasam soċjali u politiku. Il-poplu kien nieqes mill-ħtiġijiet essenzjali għall-ħajja deċenti u, waqt li progress kbir u żviluppi tal-għaġeb kienu qed jitwettqu fl-Ewropa kollha, il-poplu Malti kien għadu jgħix f'qagħda primittiva, l-aktar fl-irħula tal-kampanja.

Fil-Kunsill tal-Gvern kien ikun hemm sikwit ħafna tfixkil minn membri anti-riformisti imma, ix-xorti riedet li minkejja dawk l-ostakoli, il-gvern irnexxilu jgħaddi u jdaħħal fis-seħħ għadd ġmielu ta' liġijiet soċjali li fetħu t-triq biex, bil-mod il-mod, il-Maltin bdew jersqu lejn ħajja aktar xierqa,

Id-dehra tal-ewwel gazzetti fl-1939 ħajret għadd ta' nies tibda taqra u tieħu interess fuq il-politika u fuq ħwejjeġ soċjali. Dan wassal biex, f'nofs is-seklu, infetħu f'Malta l-ewwel skejjel. Kien fil-11 ta' Settembru 1854[2] li l-ewwel skola primarja għas-subien infetħet fis-Siġġiewi, segwita minn oħra għall-bniet f'Diċembru tal-istess sena. Fil-bidu kienu nkitbu 56 tifel imma kienu 44 biss li bdew jattendu. Il-bniet bdew jiġu reġistrati fl-1855 u nsibu li f'dik is-sena kienu nkitbu 141 tifla u 49 tifel li minnhom kienu jmorru kuljum 49 tifla u 25 tifel.

L-ewwel skola infetħet f'dar żgħira fit-tarf t'isfel ta' Triq Sta Margerita. L-ewwel surmast kien is-Sur Salvu Mamo Cordina li nħatar fl-1 ta' Awwissu 1854 b'salarju ta' £stg35 fis-sena u Marianna Vassallo saret l-ewwel kap (sinjora) fl-1 ta' Diċembru ta' wara bi ħlas ta' £21 fis-sena. L-iskola kellha wkoll żewġ *monitors*, raġel u mara, li kienu jaqbdu £5 u £3 fis-sena għax-xogħol li jagħmlu. Is-suġġetti ngħallma kienu: qari bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż, Grammatika, Aritmetica, Ġjografija, Katekeżmu u Kalligrafija. Il-bniet kellhom ukoll il-Ħjata u xogħol tal-Malja (*knitting*). Il-ħin ta' tagħlim għas-subien kien bejn it-8am u nofsinhar u bejn is-2.30pm u l-4pm. Il-bniet kienu jidħlu nofs siegħa wara u jispiċċaw fl-4.30pm[3]. Meta żdiedu t-tfal u kienu jeħtieġu aktar klassijiet l-iskola ttieħdet f'dik id-dar kbira fil-pjazza li fiha llum hemm il-Kunsill Lokali. Kien fl-1954 li l-iskola ġiet trasferita fil-bini modern fi Triq Dr Nikola Zammit fejn għadha hemm sal-lum.

## Servizz tas-Saħħa – il-Berġa

Kif ser naraw issa, l-Għassa serviet ukoll ta' Berġa, jew Ċentru tas-Saħħa, fejn kien hemm servizz ta' tabib u ta' infermiera kuljum. Dak iż-żmien fir-raħal ma kontx issib ħjiel ta' kura pubblika għall-mard. Is-sena 1832 rat il-ftuħ tal-ewwel ċentru mediku fil-Belt Valletta[4] u, seba' snin wara, infetħu ċentri oħra fl-ibliet il-kbar.

Għaddew numru sewwa ta' snin sakemm, fl-1848, dehru l-ewwel bereġ fl-irħula, fosthom fis-Siġġiewi. Dawn iċ-ċentri kienu jissejħu *Alberghi dei Poveri*, jiġifieri Djar tal-Foqra li, fi kliem il-poplu, tlaqqmu "*il-Berġa*". Kienu mmexxija mill-pulizija u l-uffiċjal inkarigat kien it-tabib (*physician*) tal-pulizija magħruf bħala *Dispenser.* L-iskop tal-berġa kien li tingħata kura medika lill-foqra f'kas ta' korriment fuq ix-xogħol, ukoll, għat-titqib tat-tfal kontra l-ġidri. Is-servizz seta' jingħata wkoll fid-dar tan-nies tal-post, jekk ikun hemm talba mis-Sindku jew minn qassis. It-twelid tat-trabi issa beda jkun reġistrat mit-tabib tal-berġa u wara jgħaddih lill-Ispettur tal-Istitut tal-Karità fil-Belt.

Il-Berġa tas-Siġġiewi nfetħet ġo ftit kmamar li kienu parti fuq wara tal-Għassa tal-pulizija fil-post li semmejna aktar 'il fuq. L-ewwel tabib tar-raħal kien Dr Camillo Camilleri, li nħatar fid-29 ta' Diċembru 1848 b'salarju ta' £8 fis-sena li wara żdiedlu għal £16.[5]. Kien jaħdem biss tliet sigħat kuljum, imma seta' jibqa' jaħdem privat. Dik il-ħabta, fis-Siġġiewi kienu joqogħdu tliet tobba – Dr Mikelanġ Balzan, Dr Nikol Caruana, u Dr C. Camilleri li kien it-tabib tal-gvern[6].

Fis-sena 1884 inħoloq il-post ta' Spettur Sanitarju, li kien fid-dmir li jara li d-djar tan-nies jinżammu ndaf, li t-toroq ma jkollhomx skart li jġib il-mard u li jispezzjonaw sewwa oġġetti tal-ikel esposti għall-bejgħ fil-ħwienet. L-ispettur kien ukoll mistenni jagħmel rapport kull ġimgħa dwar il-qagħda tas-saħħa fil-lokal. Is-Sur G. Xuereb kien l-ewwel Spettur tas-Sanità fis-Siġġiewi.

Fl-1855, l-isem *Dispenser,* kif kien magħruf it-tabib, inbidel f'*District Medical Officer (DMO)*[7] jew Tabib Distrettwali. Ħames snin wara l-post tneħħa minn idejn il-pulizija u sar jaqa' taħt id-Dipartiment tas-Saħħa.[8] L-ewwel DMO fis-Siġġiewi kien it-tabib John Gatt Rutter li ġie maħtur fit-13 ta' Mejju 1891 b'salarju ta' £55 fis-sena.

## Il-Posta

Fis-sena 1850, fl-irħula daħal fis-seħħ servizz fqajjar ta' ittri indirizzati għas-Siġġiewi. Kienu jintbagħtu mill-Belt bil-messaġġier għall-Għassa tar-raħal u minn hemm l-ittri kienu jitqassmu bl-idejn 'il dak li jkun. Fl-1868, kumpanija li kienet tmexxi s-servizz tal-*Omnibus*



*Iċ-Ċimiterju Marija Verginis de Monte Carmeli fl-inħawi ta' Blat il-Qamar, is-Siġġiewi*

(forma ta' trasport) tqabbdet tieħu ħsieb it-tqassim tal-posta[9]. L-ittri kienu jittieħdu bl-id fl-Għassa tal-Pulizija u minn hemm imorru bl-*Omnibus* sal-Posta Ċentrali tal-Belt. Kull min kien jistenna xi ittra, kellu jmur għaliha l-għassa u jqalleb, sa ma jsibha fost ittri oħra; imma dan ta lok għall-abbuż u s-sistema kellha titbiddel f'qasir żmien.

Sadattant, bdew jitwaħħlu l-bolli fuq l-ittri li fil-bidu kienu bolli Ngliżi. Skond liġi li daħlet fis-seħħ fl-1884, fuq kull ittra riedet titwaħħal bolla lokali bil-ħlas u hekk, mill-1 ta' Jannar 1885[10], Malta kellha l-ewwel bolla tagħha ta' ½d (sitt ħabbiet) għall-ittri lokali. Il-bolli kienu jinxtraw mill-għassa, imma wara l-1904, uħud mill-ħwienet lokali kellhom il-permess ibiegħu l-bolli lill-pubbliku.[11]

Fl-1862, fis-Siġġiewi waħħlu kaxxa tal-injam ħdejn l-għassa għall-impustar tal-ittri. Aktar tard, fl-1899, dik inbidlet ma' kaxxa ħamra tal-ħadid bħal dawk li għadna naraw sal-lum.

Il-posta bdiet titqassam bieb bieb minn-pustier fis-sena 1892. L-ewwel pustier, għal Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi, kien is-Sur Karmnu Zammit, li nħatar fil-post f'Settembru 1892 b'salarju ta' wieħed u għoxrin lira fis-sena[12].

## It-Telefon

Is-servizz tat-telefon f'Malta jmur lura għas-sena 1882 meta l-ewwel fergħa fetħet fil-Belt Valletta mis-*Societé Internationale des Téléphones*. Għall-ewwel is-servizz kien jaqdi biss lill-militar u 'l-uffiċini tal-Gvern. Kien fl-1910, meta l-*Malta Telephone Exchange Company* fetħet numru ta' fergħat oħra f'diversi lokalitajiet, kif ukoll fl-għases tal-pulizija

f'kull raħal, biex jużawh in-nies tal-post fejn ma kienx hemm apparat għall-pubbliku. L-għassa tas-Siġġiewi kienet l-uniku post fejn wieħed seta' jċempel jew jirċievi xi messaġġ. Kull ċempila kienet tiswa 3d (€0.07) u, jekk il-messaġġ jitwassal minn messaġġier, kienet tiswa d-doppju matul il-ġurnata u aktar minn hekk wara nżul ix-xemx.[13]

Fis-sena 1933, il-Gvern ħa s-servizz tat-telefon f'idejh u fetaħ *Exchange* li taħdem bl-id fil-Belt. B'hekk il-pubbliku seta' jinqeda bit-telefon ġewwa daru kullimkien, ukoll fis-Siġġiewi, imma għal bidu ftit li xejn kien hemm min daħħal telefon id-dar. Fil-fatt, sal-1937 persuna waħda biss, Ġanni Cascun, li kien Piżatur u kien joqgħod *Strada di Mezzo,* li kellu s-servizz tat-telefon ġewwa daru fis-Siġġiewi.[14]

Il-kera tas-servizz fid-dar kien ta' £4 fis-sena (€9.32) u għal dawk tan-negozju £5.50 (€12.80). Kien hemm ukoll is-servizz ta' messaġġier bi ħlas żgħir. Aktar tard daħlu l-kaxxi li titfgħalhom il-flus, li kultant kien ikollhom magħhom messaġġier biex iwassal il-messaġġi. Fis-Siġġiewi kien hemm kaxxa minn dawn mal-ħajt tal-Għassa fuq barra.

Hekk kif daħal is-servizz awtomatiku fl-1960, infetħu aktar linji għan-nies u, f'anqas minn għoxrin sena, illum kważi kulħadd f'Malta u f'Għawdex għandu t-telefon id-dar.

## Is-Servizz tal-Ilma

L-aħħar ftit snin tas-Seklu Dsatax baqgħu magħrufa għan-nuqqas ta' xita, kif ukoll għażżieda fil-popolazzjoni. Il-Gvern kien qed isibha diffiċli jforni ilma biżżejjed għall-ħtiġijiet tal-biedja u għall-użu tan-nies, l-aktar fl-irħula tal-bogħod. Kien inbena akwadott taħt il-Fawwara biex iwassal l-ilma fl-ibliet u l-irħula ta' qrib il-Port. Fis-Siġġiewi, in-nies tal-post ma kellhomx ħlief il-bjar ġo djarhom biex jinqdew bl-ilma u, kultant, dawn kienu jibqgħu vojta meta ma tagħmilx xita, bħalma ġara fl-1867, li kienet sena ta' nixfa kbira.

Fl-1883 Osbert Chadwick, espert tal-ilma, lesta rapport dwar il-provvista u t-tqassim tal-ilma f'Malta. B'riżultat ta' dan, wara żmien qasir, l-ilma beda ftit ftit jilħaq l-irħula tal-pajjiż fil-kanen tal-ħadid.[15]

Kienet is-sena 1886, meta l-Gvern ivvota £15,000 biex jitwassal l-ilma fis-Siġġiewi[16]. L-ilma wasal fir-raħal min-nixxiegħat naturali f'Tas-Sienja, Tal-Papa, Tal-Għajn il-Kbira u Tal-Isqof, li ġie ppumpjat għal ġo ġibjun kbir fil-Buskett u minn hemm mexa, minn trinek taħt l-art, sa ma laħaq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi. It-tank għall-ħażna tal-ilma li naraw fl-għoli fi Triq il-Mitħna s-Siġġiewi , sar dik il-ħabta minn flok il-mitħna tal-qamħ li kien hemm fil-post.

Mas-sena 1897, is-servizz tal-ilma beda jasal sa ġewwa d-djar fl-ibliet ta' madwar il-Port u, fl-1914, il-kanali tal-ġebel spiċċaw għalkollox u flokhom bdew jintużaw il-kanen tal-ħadid.[17] L-ilma fis-Siġġiewi żdied ħafna, hekk kif poġġew kanna (*main*) tat-3 pulzieri (8cm) u twila 1,890 metru. Sas-sena 1911, kull qatra ilma f'Malta kienet bdiet tgħaddi mill-kanen tal-ħadid u b'hekk naqas bil-bosta t-tniġġis tal-ilma.

Fi tmiem is-Seklu Dsatax, fit-toroq u l-imsieraħ tal-irħula bdew jidhru l-għejjun bil-vit[18]. Il-pubbliku sab dak l-ilma frisk utli ħafna u l-għejjun fit-toroq baqgħu jintużaw għal ħafna snin, sakemm kulħadd daħħal is-servizz tal-ilma fid-dar. Jien li qed nikteb, għadni niftakar sewwa dawk l-għejjun 'l hawn u 'l hinn fit-toroq tar-raħal, bħal: *l-Għajn ta' San Mikiel* fi Triq il-Qasira, *Tar-Rużarju* fil-kantuniera bejn Triq tan-Nofs u Triq San Nikola, *Ta' Ħaramija, Ta' San Ġakbu* fi Triq San Ġakbu, u *Ta' San Ġwann* taħt il-Knisja ta' San Ġwann. Kien hemm ukoll għajn kbira fil-Pjazza, imtella' fuq pjattaforma fil-għoli u mdawra erba' siġriet tal-palm, quddiem l-istatwa ta' San Nikola.

Barra minn dawk l-għejjun bil-vit, kien hemm ukoll erba' pompi tal-id, jiġbdu l-ilma minn ġwiebi kbar taħthom. Waħda minn dawn, li kienet tintuża ħafna, kienet maġenb l-għajn tal-pjazza quddiem San Nikola. It-tlieta l-oħra kienu fl-imsieraħ ta' Bieb San Ġwann, Tal-Aċċjomu f'Ħaramija u fil-parti t'isfel ta' Triq Santa Margerita. Il-pompi kienu jintużaw biss bi nhar, matul il-ġranet sħan tas-sajf. Kienu jagħtu ilma frisk mill-aqwa u kienu mfittxija ħafna min-nies tal-qrib. Biex jaqtgħu l-abbuż matul il-lejl, il-pulizija kienu, kull filgħaxija, jorbtu l-manku b'katina sa ma jisbaħ. Il-ġarr tal-ilma, fil-bramel mill-għejjun u mill-pompi, kienet kedda ta' kull jum għan-nisa tad-dar u għal uliedhom il-kbar.

L-għejjun fit-toroq tas-Siġġiewi u ta' bnadi oħra, baqgħu jintużaw sakemm waqfet il-gwerra fl-1945. Sa dik is-sena u għal xi żmien wara, kienu ftit dawk li kellhom l-ilma fid-dar u dan kien jikkonsisti biss minn vit imwaħħal wara l-bieb, taħt kaxxa tal-injam li kien ikun fiha l-arloġġ (*meter*). Wara li wasal id-drenaġġ fis-snin sittin, is-servizz tal-ilma tferrex sal-kamra tal-banju u f'kull fejn kien meħtieġ fid-djar kollha. L-għejjun u l-pompi tat-toroq, li tant qdew sewwa lill-poplu, bdew jitneħħew bil-mod il-mod. Illum il-ġurnata uħud minn dawk il-pompi reġgħu twaħħlu f'ċerti nħawi ta' Malta bħala ornament.

## L-Ewwel Karozzi tal-Linja

Matul il-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor, dehru l-ewwel karozzi tal-linja jaħdmu bejn Tas-Sliema u l-Belt Valletta. Wara biss ftit xhur, is-servizz inxtered ma' kull naħa ta' Malta u laħaq l-aktar irħula mbiegħda. In-nies bdiet toħroġ aktar spiss, għax tal-linja issa bdew iġorru għadd imdaqqas ta' passiġġieri f'daqqa, b'nol pjuttost irħis.

Kien fis-sena 1929 li s-Siġġiewi ra l-ewwel *bus* tiegħu taħdem regolari għall-Belt. Kien ġabha Ġużeppi Tonna, *taz*-Zliz, u kien isuqha hu stess. Fuq ġewwa dil-karozza kellha żewġ bankijiet twal quddiem xulxin laġenbha u kienet tgħabbi erbgħa u għoxrin passiġġier. Ix-xufier kien ikollu miegħu kunduttur, biex jiġbor in-noll mingħand in-nies waqt it-triq. Fuq kull ġenb ta' barra din l-ewwel karozza kellha isimha miktub b'ittri kbar minn naħa għall-oħra, fuq kulur safrani. Ġużepp Tonna kien semmieha *Garantita,* għax kien jgħid li kellha garanzija għat-tul.

Wara ftit xhur, karozza oħra, *Nicolina, d*aħlet fuq il-linja; kienet ta' Karmnu Vella, *Ta' Vella,* li fil-bidu kien ukoll ix-xufier tagħha. Sal-1932 dehru tnejn oħra li kien jisimhom, waħda *il-Firilla,* li kienet ta' Ninu Muscat, *Tal-Megin,* u l-oħra *Miss Australia,* ta' Ċikku Vassallo, *il-Gabaj*. Fl-1932, karozza oħra ngħaqdet mal-erbgħa li kien hemm. Sidha kien Nikol Mallia, *ta' Lorbu,* li semmieha *Eagle Pass,* isem li jfakkar fl-Amerika fejn Nikol kien dam ħafna snin. Isem dil-karozza ma kienx miżbugħ fuq il-ġnub, imma b'ittri iċken fuq kull naħa tal-għatu tal-magna (il-*bonnet*) għax issa l-karozzi kienu bdew jieħdu sura oħra, ftit jew wisq bħal tal-lum bis-siġġijiet tnejn tnejn wara xulxin, flok il-bankijiet.

Sa nofs is-snin ħamsin, tal-linja kienu jinżebgħu bi lwien differenti, skont ir-raħal li jkun, bil-għan li dawk li ma jkunux jafu jaqraw l-isem tal-post jagħrfuh mill-kulur. Il-*buses* tas-Siġġiewi kienu sofor, bi strixxa ħamra mal-ġnub taħt it-twieqi, eżatt kif kienu saru l-karozzi kollha ta' Malta aktar tard sa ma waslu l-*Arriva* li għandna llum.

L-ewwel noll mis-Siġġiewi għall-Belt kien 1½d, ftit anqas minn €0.02 tal-lum li aktar tard tela' għal 2½d u dam hekk għal ħafna snin sa ma bdiet il-gwerra fl-1939. Matul dawk l-ewwel snin, il-karozzi kienu jaħdmu bejn l-4.30 a.m. u s-7.30 p.m., b'waqfiet twal bejn vjaġġ u ieħor. Kellhom jgħaddu bosta snin qabel daħlet skeda ta' ħinijiet aħjar, bl-aħħar karozza titlaq mill-Belt fl-għaxra ta' filgħaxija.

## Id-Dawl Elettriku

Il-fanali fit-toroq tas-Siġġiewi baqgħu jinxtegħlu sa ftit snin wara li ntemmet it-tieni gwerra dinjija u allura wasal l-elettriku fir-raħal. L-ewwel tentattiv biex idawlu l-Belt Valletta bl-elettriku sar fl-1882 mill-*Electric Telegraph Company*. Iżda l-proġett kellu jieqaf minħabba oppożizzjoni qawwija fil-Kunsill minn l-anti-riformisti. Meta fl-istess sena 1882, Sir Gerald Strickland inħatar Segretarju Prinċipali tal-Gvern, il-kwistjoni tad-dawl elettriku reġgħet ġiet quddiem il-Kunsill fost attakki ostili mis-soltu grupp tal-oppożizzjoni, li anki waslu biex ibeżżgħu lin-nies li dak id-dawl iħassar il-vista tal-għajnejn.

B'xorti tajba, il-proposta fl-aħħar għaddiet u l-ewwel dawl elettriku daħal fl-1896 fl-uffiċċji tal-militar u fil-Belt. Ftit wara, beda jinfirex fl-ibliet ta' madwar il-Port u fi nħawi oħra qrib il-Belt. Wara l-ewwel gwerra diñjija, kompla jilħaq irħula aktar fil-bogħod; imma biex wasal fis-Siġġiewi tawwal sal-1931/33. F'dawk l-ewwel snin, kienu biss il-knisja u xi żewġ ħwienet tax-xorb fil-qrib li kellhom is-servizz. Ħafna nies baqgħu lura li jdaħħluh fi djarhom, peress li l-qagħda ekonomika tal-pajjiż kienet ħażina u n-nies sabitha bi tqila tħallas 6d (€0.07) għal kull *unit* ta' konsum. Aqta' barra l-*bars* u xi ħwienet oħra, ħafna djar baqgħu mingħajr elettriku sa wara li spiċċat il-gwerra fl-1945.

Matul il-gwerra, il-Gvern kellu jnaqqas id-dawl elettriku għal ftit sigħat kuljum u fl-1942, meta l-ħbit mill-ajru kien fl-aqwa tiegħu, il-kurrent fid-djar inqata' għalkollox u n-nies kellha terġa' tfittex ix-xemgħa u l-lampi tal-pitrolju, matul dawk l-iljieli mudlama tal-*blackout*. Fis-snin ta' wara l-gwerra, il-qagħda soċjali tjiebet sewwa u l-kurrent elettriku daħal tista' tgħid f'kull dar, ukoll fis-Siġġiewi, kemm biex tinxtegħel id-dar kif ukoll biex jitħaddem l-apparat domestiku li malajr tfaċċa fis-suq.



*Dar Omnna Marija, 67, Misraħ San Nikola fejn qabel kien hemm l-għassa tal-Pulizija*

## Id-Drenaġġ

L-istess bħal fil-każ tad-dawl elettriku, is-sistema tad-drenaġġ kienet intopp ieħor li ħoloq l-inkwiet fil-Kunsill tal-Gvern, fl-aħħar snin tas-Seklu Dsatax. Sal-1880, id-drenaġġ kien f'idejn l-awtoritajiet militari u Sir Gerald Strickland, is-Segretarju tal-Gvern, saħaq kemm felaħ biex is-sistema jibda jagħmel minnha l-gvern lokali. Bħas-soltu, il-grupp anti-riformista għamel minn kollox fil-Kunsill biex iwaqqaf il-ħlas ta' kontribuzzjoni mill-Gvern li ried iwassal is-servizz tad-drenaġġ fid-djar tan-nies, għas-sempliċi raġuni li dak kien ifisser aktar taxxi fuq il-klassi privileġġjata. Kienu jisħqu li d-drenaġġ kellhom bżonnu s-servizzi militari u għalhekk kellhom iħallsu għalih dawk l-awtoritajiet. Kienu waslu jgħidu li d-drenaġġ fid-djar kien iġib it-tinġis u jqiegħed ħajjet il-poplu fil-periklu.

Minkejja kull disgwid minn dawk il-politkanti Maltin, fl-1878 beda x-xogħol fuq proġett tad-drenaġġ għall-Belt u għan-naħat tal-Kottonera, l-aktar bi spejjeż tas-servizz militari. L-istima tax-xogħol kienet £78,000 li minnhom il-Gvern lokali ħallas biss £3,000, mingħajr il-kunsens tal-Kunsilliera Maltin. Imma x-xogħol għall-estensjoni tas-servizz aktar fil-bogħod, karkar sa tmiem l-ewwel gwerra tal-1914/18. Kien wara li spiċċat dik il-gwerra, li beda t-tħaffir tat-trinek taħt l-art biex jitpoġġew il-kanen meħtieġa.

Id-drenaġġ wasal fis-Siġġiewi wara ħafna snin. It-tħaffir ta' trinek u mini taħt l-art li jwasslu għar-raħal bdew fl-1947 minn Ħaż-Żebbuġ, fejn is-servizz kien beda f'nofs is-snin tletin. Ix-xogħol taħt l-art dam fuq tliet snin biex tlesta u l-katusi fit-toroq tpoġġew matul is-snin 1949-52 meta, sa fl-aħħar, l-ewwel djar ġew ikkunnettjati. Kien matul is-snin sittin li s-servizz daħal fid-djar kollha tar-raħal.

## Ċimiterju Ġdid

Sas-sena 1937, in-nies li kienu jmutu s-Siġġiewi kienu għadhom jindifnu fl-oqbra mħaffra fil-korsija tal-knisja. Taħt il-kor kien hemm kannirja b'sitt oqbra għall-mejtin fost il-membri tal-kleru. Nies li jmutu ħtija ta' mard li jittieħed kienu jindifnu fiċ-ċimiterju ta' San Teodoru (San Dawdar) ftit 'il barra mir-raħal.

Matul is-snin tletin tas-seklu l-ieħor, għaddiet liġi biex ma jsirx aktar dfin fil-knejjes u allura, inħass il-bżonn li jinbena ċimiterju ġdid u kbir biżżejjed għall-popolazzjoni tar-raħal. Fl-1934 ittieħdet medda art fi Blat il-Qamar u l-Perit Albert Vassallo, li kellu uffiċċju fir-raħal, għamel il-pjanta għall-proġett li ħa tliet snin biex tlesta.

L-aħħar dfin fil-knisja sar fit-13 ta'Ġunju 1937 u l-aħħar qassis li ndifen fil-kannirja kien Dun Ġużepp Aquilina fl-1969. Dun Ġużepp kien Prokuratur tal-knisja u bl-inizjattiva u l-ħidma tiegħu, seħħ ħafna xogħol ta' fejda biex tissebbaħ il-knisja.

Iċ-ċimiterju l-ġdid ġie kkunsagrat fit-13 ta' Ġunju 1937, taħt l-isem ta' *Marija Verginis de Monte Carmeli,* waqt ċerimonja mmexxija mill-Kappillan Dun Franġisk Bonanno.

## Il-Kunsill Lokali

Fis-sena 1993, il-Parlament għadda liġi biex jitwaqqfu l-Kunsilli Lokali f'kull belt u raħal ta' Malta u Għawdex, bil-għan li xogħol ta' natura lokali jitneħħa minn taħt idejn il-Gvern Ċentrali u jibda jsir miċ-ċittadini tal-lokal li jkun. Permezz ta' hekk, il-kunsilliera jiġu kkunsultati dwar proġetti li jkunu ser jitwettqu fil-limiti territorjali tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-kunsilliera jkunu fid-dmir li jaqdu lin-nies tal-lokal, f'dak li soltu kienu jinqdew mill-Gvern Ċentrali.

L-att li waqqaf il-Kunsilli Lokali daħal fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 1993. Il-Kunsilli riedu jiġu magħżula min-nies tal-lokal u jservu għal tliet snin kull darba. Illum, l-elezzjonijiet qegħdin isiru kull erba' snin.

L-ewwel elezzjonijiet saru fit-23 ta' Novembru 1993, fi tnax-il lokalità, u ħames elezzjonijiet oħra saru bejn Jannar u Mejju 1994. L-ewwel elezzjoni fis-Siġġiewi saret nhar id-19 ta' Frar 1994 u fiha ħadu sehem tlettax-il kandidat, biex minnhom jintgħażlu s-seba' Kunsillieri li ġew allokati lir-raħal. Mis-seba' li ġew magħżula, erbgħa kienu jirrappreżentaw lill-Partit Nazzjonalista, (dawn kienu Anġlu Farrugia, Karmenu (Nenu) Aquilina, Nikol Azzopardi u Nikolina Bonello). It-tlieta l-oħra, li kienu Ġużeppi Camilleri, John Debattista u Manwel Micallef, intgħażlu bħala indipendenti. Is-seba' membri ħadu l-ġurament tal-ħatra fl-1 ta' Marzu. Is-Sur Anġlu Farrugia ġie nominat l-ewwel Sindku u Nikol Azzopardi sar Viċi-Sindku. Sadattant, saru diversi elezzjonijiet oħra u dbiddlu għadd ta' Sindki. Is-Sindku tal-lum huwa l-Avukat Carol Aquilina u l-Viċi Sindku hu Dr Mark A. Vassallo.

Artiklu addattat mill-ktieb tal-istess awtur "SIGGIEWI – A Profile of History, Social Life and traditions" 2002

**Sorsi:**

[1] Gazzetta tal-Gvern 28/12/49
[2] Blue Book 1854,
[3] Ibid 1854, 55, 56
[4] Ibid 11/4/1832 p.112
[5] Blue Book 1849, 56, 57
[6] Reġ. Elettorali 1849
[7] Ord. XVIII of 1855
[8] Ord. XIV of 1900
[9] Gaż. Tal-Gvern 21/9/1868
[10] Ibid 13/12/1839
[11] Ibid 10/11/1909
[12] Blue Book 1894
[13] Gaż. Tal-Gvern 26/7/1915 u 24/9/1915
[14] Telephone Dir. 1937
[15] Arch. Melit. Vol II p.72 et seq.
[16] Ibid Vol.VII, p. 26
[17] P. Cassar, *Med. History of Malta*, p. 318
[18] Ibid
[19] W & E Report 1930/31(Nru 26)
[20] Temi Zammit, *MALTA*, pp 404/5
[21] Rev. N. Aquilina fis-*SIĠĠIEWI*, 1986

